**18 ta' Marzu, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt. LL.D.**

Frank Gulia

*versus*

Angela sive Julie Azzopardi et.

**Legat "a limine intus" — Eżekutur Testamentarju — Inventarju — Korrezzjoni — Art. 305 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Huwa veru li l-Qorti tista' tordna lill-eżekutur testamentarju li jagħmel l-inventarju tal-assi mħolli mid-decujus, meta l-eżekutur ma jkunx ġie dispensat li jagħmlu mill-persuni li lilhom ikunu għaddew il-ħwejjeġ kollha mħolli ja mid-decujus, jew biċċa minnhom. Imma meta ma jkunx hemm din id-dispensa, u l-eżekutur testamentarju, fuq ir-rikors li huwa jkun għamel biex jiġi konfermat fl-eżekutorija mill-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, jiġi ordnat li jagħmel dak l-inventarju, dan l-ordni, darba mogħti, ma jistgħax jitħassar ħlief b'ordni ieħor tal-istess Qorti "contrario imperio" fuq talba tal-persuni kollha li lilhom għaddew il-beni kollu, jew biċċa minnhom; liema talba lill-Qorti għal dak il-kontrordni da parti tal-imsemmija persuni, li għandhom dritt jagħtu dik id-dispensa, trid issir qabel ma jiġi format u pubblikat l-inventarju, ċjoè sa meta huma*

*jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt; għa'iex, mogħti dak l-ordni, u eżegwit bil-formazzjoni u publikazzjoni tal-inventarju, ebda d'spensa ma tista' tingħata għall-formazzjoni tiegħu; b'mod li mhix korretta l-allegazzjoni tal-eżekutur testamentarju li dik id-dispensa tista' ssir f'kull żmien, anki wara li jkun ġie format u publikat l-inventarju, billi l-interessati jirrinunzjaw għalieh.*

*Għaldaqstant, in segwitu għal dak l-ordni, l-eżekutur testamentarju huwa fl-obligu li jagħmel l-inventarju, u jekk l-ordni kien li huwa jiddeskrivi l-beni kollha mħollija mid-decujus, kull wieħed mill-interessati għandu nteress li dak l-inventarju jsir, u wkoll dak li jitlob il-korrezzjoni tal-inventarju li jkun sar jekk dan ma jkunx komplet; u mhix attendibbli l-allegazzjoni tal-eżekutur testamentarju fis-sens illi, jekk talvolta tħallew barra xi sustanzi ereditarji meta hu għamel l-inventarju, dawn is-sustanzi jiffurmaw parti minn legat "a limine intus", u li għalhekk l-eredi li jitlob il-korrezzjoni tal-inventarju ma għandux interess f'dik il-korrezzjoni għax din tinteressa biss lill-persuna li favur tagħha ġie mħolli dak il-legat.*

Il-Qorti:— Rat is-sentenza tagħha tat-2 ta' Ottubru 1956, fejn jinsabu riportati d-domandi tal-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti Mary Cauchi, Paolino Azzopardi, Giuseppina Laferla, Lino, Joseph u Mary Rose sive Lucy mart Frederick Barry, aħwa Azzopardi u Giulia Mallia, Lidia Gulia Ġemma Ġera u Evelina Schranz; dawk tal-konvenut Avukat Dr. Francesco Masini nomine; u dawk tal-konvenuti Angela sive Julie Azzopardi, Maria Azzopardi, Giuseppina Azzopardi, Antonietta sive Liberata Azzopardi, u Giorgio Azzopardi; u li biha, fil-kontumaċja tal-konvenuti Francesca Muscat, Elena sive Nellie Grima u Carmelina D'Emanuele, ġiet respinta l-eċċezzjoni deklinatorja tal-"foro" avanzata mill-konvenut Avukat Dr. Massini u dawn l-aħħar konvenuti; bl-ispejjeż kontra tagħhom; u l-kawża ġiet differita għall-kontinwazzjoni tagħha;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Avukat Dr. Masini fil-kwalità tiegħu msemmija, li biha jissottometti illi l-attur ma għandux interess f'din il-kawża, billi anki kieku, għall-grazzja tal-argument, fid-dar tad-

decujus fl-epoka tal-mewt tiegħu setgħu jeżistu xi flus jew effetti oħra barra dawk deskritti fl-att tal-inventarju kontrastat, l-istess flus u effetti jinsabu kompriżi fil-legat "a limine intus" ordnat favur il-konvenuta Angela sive Julie Azzopardi, li għalhekk hija biss tinsab interessata f'din l-eventwali ommissjoni;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni ulterjuri sollevata mill-konvenut Avukat Dr. Francesco Masini nomine;

Illi l-imsemmi konvenut ifisser aħjar din l-eċċezzjoni tiegħu bin-nota li ppreżenta fis-16 ta' Novembru 1957. Huwa jissottometti li l-attur ma għandux interess f'din il-kawża minnu proposta, għaliex, fit-termini tad-dispożizzjoni tal-art. 805 tal-Kodiċi Ċivili, l-interess għall-inventarju jirrisjedi esklużivament għand il-persuni li favur tagħhom ikunu għaddew il-beni ereditarji li huma destinati li jiġu nventarjati, u l-eredi jew legatarji l-oħra, għalkemm interessati fis-suċċessjoni, ma jistgħux jinsistu li jiġu nventarjati beni mħollija lil legatarji oħra, kontra l-volontà tagħhom; u kwindi lanqas ma jistgħu jinsistu li dawk il-beni jiġu nklużi fl-inventarju, għax ma għandhomx interess li jsir dan, billi skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi l-inventarju ma jsirx fl-interess tal-eredità imma fl-interess partikulari tal-individwi li b'mod jew b'ieħor ikunu ser jipparteċipaw mis-sustanzi ereditarji, u s-sustanzi li l-attur jippretendi li ġew ommessi fl-inventarju mpunjat ma ġewx imħollijin lilu, imma jaqgħu u jinsabu kompriżi fil-legat "a limine intus" imħolli lill-konvenuta Angela Azzopardi billi kienu jeżistu fid-dar tad-decujus fl-epoka tal-mewt tiegħu, u għalhekk hija biss li tista' tesperixxi l-azzjoni ntentata mill-attur. Barra minn dan, l-istess konvenut jissottometti li skond l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi, il-Qorti għandha biss il-fakoltà li tordna l-inventarju; liema fakoltà hi subordinata għad-diskrezzjoni ta' dawk il-persuni li favur tagħhom jinsabu devoluti l-beni li għandhom jiġu nventarjati, u li kwindi għandhom dejjem id-dritt li jirrinunzjaw f'kull żmien għad-dritt li jsir l-inventarju, tant qabel ma l-istess isir, billi jagħtu d-dispensa għalieħ, kemm

wara li jkun sar, għalkemm bl-ordni tal-Qorti; għaliex il-fakoltà li l-liġi tagħti lill-Qorti li tordna l-inventarju tispiċċa meta l-interessat juri volontà kuntrarja għal dik il-fakoltà, li hi subordinata għall-volontà tal-istess interessat;

Illi s-sottomissjonijiet tal-konvenut Avukat Dr. Massini ma humiex sostenibbli, u l-eċċezzjoni minnu sollevata għandha tiġi respinta. Hu veru li l-Qorti tista' tordna li jsir l-inventarju, meta l-eżekutur ma jkunx ġie dispensat li jagħmlu mill-persuni li lilhom ikunu għaddew il-ħwejjeġ kollha mħollija mid-decujus, jew biċċa minnhom; imma fil-każ taħt konsiderazzjoni ma deherx li kien hemm din id-dispensa, u l-Qorti ta' Għawdex fil-Ġurisdizzjoni Volontarja Tagħha, fl-14 ta' Diċembru 1951, fuq talba tal-imsemmi konvenut avanzata f'dik l-istess ġurnata għall-konferma tiegħu bħala eżekutur testamentarju ta' Giuseppe Azzopardi, minn dan nominat bħala tali fl-art. 6 tat-testment tiegħu tal-31 ta' Diċembru 1950, fl-atti tan-Nutar Francesco Gauci, artikolu li ġie approvat u konfermat minnu fit-testment l-ieħor tiegħu fl-atti tal-istess Nutar tat-13 ta' Awissu 1951, ordnatlu biex jipproċedi għall-inventarju. B'ezekuzzjoni ta' dak l-ordni, il-konvenut ifforma dak l-inventarju, li ġie publikat fl-atti tal-imsemmi Nutar fil-19 ta' Jannar 1952. Dan l-inventarju sar bl-ordni tal-imsemmija Qorti; u dan l-ordni, darba mogħti, ma jistgħax jitħassar ħlief b'ordni ieħor "contrario imperio" tal-istess Qorti fuq talba tal-persuni kollha, jew biċċa minnhom, tad-decujus, fosthom l-attur, li hu wieħed mill-eredi, li fl-interess tiegħu, sakemm ma kienx hemm l-imsemmija persuni li għandhom id-dritt jagħtu dik id-dispensa, trid evidentement issir qabel ma jiġi furmat u publikat l-inventarju, sa meta ċjoè huma jistgħu jeżerċitaw dak id-dritt tagħhom; għaliex, mogħti dak l-ordni, u eżegwit bil-formazzjoni u publikazzjoni tal-inventarju, ċertament ebda dispensa ma tista' tingħata għall-formazzjoni tiegħu. Kwindi mhux korrett il-konvenut Dr. Masini meta jgħid li dik id-dispensa tista' ssir f'kull żmien, anki wara li jkun ġie furmat u publikat l-inventarju, billi l-interessati jirrinunzjaw għalih. Ma jirriżultax li sa ġie publikat l-inventarju saret xi talba lill-Qorti għar-revoka "contrario imperio" ta' dak l-ordni, li għalhekk baqa' jseħħ;

Illi, in segwitu għal dak l-ordni, l-istess konvenut kien fl-obligu li jagħmel l-inventarju, għaliex l-ordni tal-Qorti jimporta obligu tal-persuna li lilha jiġi mogħti dak l-ordni li teżegwieh, u l-konferma tal-imsemmi konvenut fl-eżekutorija kienet subordinata għall-kondizzjoni li huwa juniforma ruħu ma' dak l-ordni. L-obligu mpost mill-Qorti lill-konvenut Dr. Masini b'dak l-ordni kien li huwa jipproċedi għall-inventarju tal-assi ereditarju ta' Giuseppe Azzopardi; u dan fl-interessi tal-persuni li lilhom għaddew il-ħwejjeġ tad-decujus. Għalhekk l-attur, bħala wieħed mill-eredi tad-decujus, għandu nteress li l-konvenut Dr. Masini jeżegwixxa dak l-obligu puntwalment, ċjoè li huwa jiddeskriva u nkluda kollox fl-inventarju, li hu l-prova tal-konsistenza tal-assi ereditarju, skond l-ordni mogħti mill-Qorti fl-interess ukoll tiegħu, u li jitlob il-korrezzjoni ta' dak l-inventarju jekk, kif jippretendi, l-istess mhux korrett. Barra minn dan, l-attur, bħala wieħed mill-eredi tad-decujus għandu nteress li fl-inventarju jiġu deskritti l-beni kollha tad-decujus, anki dawk is-sustanzi li jaqgħu fil-legat "a limine intus" li jsemmi l-konvenut; għaliex ikun hu, fost il-werrieta l-oħra, li jista' jkun imsejjaħ biex jimmetti lil Angela Azzopardi f'dak il-legat, u kwindi għandu jkollu deskrizzjoni eżatta ta' dawk is-sustanzi li jikkomprendu dak il-legat. L-attur jallega wkoll li fl-inventarju ma ġewx deskritti l-beni u s-sustanzi kollha appartenenti lill-assi tad-decujus u li jmissu lill-eredi, kif ukoll li xi affarijiet li huwa jippretendi li nħarġu mid-dar tad-decujus u xi flus li ġew deskritti bħala eżistenti f'dik id-dar meta miet it-testatur ma kienux tad-decujus, u xi oħrajn ma jaqgħux fl-imsemmi legat "a limine intus", imma jappartjenu lilu in parti f'ismu proprju u in parti bħala eredi tad-decujus; u għalhekk għandu nteress li fl-inventarju ssir il-korrezzjoni opportuna;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut Avukat Dr Masini, bl-ispejjeż kontra tiegħu; u tiddifferixxi l-kawża għas-seduta tas-16 ta' April 1958 għat-trattazzjoni ulterjuri tagħha.